Minuti tal-LaqgħaNru.27 tas-Seba’ Kunsill Lokali ta’ Il-Gżira li saretfl-Uffiċċju Amministrattiv, 283/1, Triq d’ Argens, Il-Gżira, nhar il-Ħamis, 15 ta’ Settembru2016 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku/Chairman | Is-Sur. Conrad Borg Manche |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Ralph Mangion<br>Is-Sur. Joe Galea<br>Is-Sur. Neville Chetcuti<br>Is-Sur. Wayne Hewitt<br>Is-Sur. Jeremy Cardona<br>Is-Sra. Graziella Schembri |
| Aġent Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur.Michael Portelli |

## AĠENDA

---

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-minuti
3. Korrispondenza
4. Mozzjonijiet
5. Manoel Island
6. Approvazzjoni tal-Ħlasijiet
7. Aġġornament

Il-Kunsilliera Schembri infurmat li hija daqt kien ser ikollha titlaq u għalhekk il-Kunsillier Hewitt semma biex nibdew mill-ewwel bl-item rigward Manoel Island peress li kien hemm il-Kunsilliera kollha preżenti. Is-Sindku qabel ma din il-proposta.

**1.0 MANOEL ISLAND**

1.1 Is-Sindku semma li l-mozzjoni li kien qed iressaq sekondata mill-vici sindku kienet qed titlob sabiex il-Kunsill Lokali ikollu l-ġurisdizzjoni fuq Manoel Island sabiex l-areas publici jinzammu u il-kunsill ikun infurmat b'l-izvilupp fuq parti mill-lokalita taghna. Huwa kompla jgħid li bħala Kunsill se nagħtu ġurnata ċans lill-MIDI u naraw xi proposta se jippreżentaw sabiex jinghata l-aċċess.

1.2 Il-Kunsillier Hewitt semma li fil-media kien intqal li l-MIDI kienu qed jinnegozjaw mal-Gvern. Is-Sindku semma li dan ma kienx minnu u għalhekk jingħataw ġurnata ultimatum fejn il-MIDI trid tiddeċiedi fejn ser ikun l-aċċess għall kosta ta' Manoel Island. Minn wara dil-ġurnata l-Kunsill jiddeċiedi x' azzjonijiet se jieħu.

1.3 Il-Kunsillier Hewitt semma li huwa jaqbel mal-mod kif għandu jieħu l-azzjoni il-Kunsill. Huwa qal li għandna naraw minn huwa responsabli minn naħa tal-Gvern biex jiddiskuti mal-MIDI wkoll. Is-Sindku semma li l-kuntratt fil-kontenut tiegħu kien qed jgħid bil-maqlub ta dak li kien qed jingħad mill-MIDI. Is-Sindku semma wkoll li dawn fil-kuntratt kellhom stipulat li jridu jagħmlu l-aċċess.

1.4 Is-Sindku semma li fuq il-każ li semmew tal-vandaliżmu m' hemm l-ebda prova izda il-hsarat kienu hemm zmien qabel u il-fortizza thalliet miftuha apposta sabiex iwehhlu fin-nies li dahlu biex ikollhom skuza biex jaghlqu il-Gzira Manoel kollha kif ghamilu illegalment ghal-dawn l-ahhar sittax il-sena. Il-Kunsillier Hewitt qal li din kienet il-kelma tal-MIDI kontra l-kelma tan-nies u l-MIDI m' ghandhom l-ebda prova biex jippruvaw dak li kienu qed jghidu.

1.5 Is-Sindku semma li fuq il-mod kif kien miktub il-kuntratt, huwa kien ħa bosta pariri mingħand avukati differenti fejn dawn dejjem qablu ma l-interpretazzjoni tieghu u kienu ta' l-istess opinjoni jiġifieri li fil-kapacita ta Sindku bhala rapprezentant ta terzi (residenti gzirjani) seta jieħu l-azzjonijiet kollha permessi mill ligi biex jinfetaħ dan l-aċċess.

1.6 Il-Kunsillier Hewitt semma li fuq il-media il-MIDI semmew li dan il-kuntratt kien sar mal-Gvern centrali u huma kienu qed isostnu li l-MIDI għandha tiddiskuti mal-Gvern u mhux mal-Kunsill. Il-Kunsillier Hewitt saqsa kif il-Gvern għadu ma tax l-appoġġ lill-Kunsill fuq din il-kwistjoni.

1.7 Il-Kunsilliera Schembri saqsiet jekk il-kuntratt huwa bejn il-Gvern u l-MIDI, il-Kunsill Lokali għandux poter jintervjeni. Is-Sindku semma li l-Kunsill bhala rapprezentanti tar-residenti Gzirjani ghandna nidhlu f'din il-kwistjoni bħala terzi persunili ahna affettwatti b'dan l agir illegali. U kompla jghid li ahna fl-ahhar mill ahhar naghmlu parti mill-Gvern bhala Gvern lokali.

1.8 Is-Sindku semma li gia la darba kien hawn opinjonijiet differenti talab biex jittieħed vot u l-Kunsill jimxi minn hemm.

1.9 Il-Kunsillier Hewitt u l-Kunsilliera Schembri qalu li bħal dejjem huma jerġgħu isostnu l-appoġġ totali tagħhom li għandu jinfetaħ l-aċċess lura għall Gżirjani. L-importanti li kull azzjoni ghanda tittieħed skont il-parametri legali. Is-Sindku semma li huwa mhux se jagħmel affarijiet li mhumiex skont il-liġi u li dawn jistgħu jagħmlu l-ħsara. Il-Kunsilliera kollha qablu unanimament li għandu jinfetaħ l-aċċess lura għall Gżirjani.

1.10 Is-Sindku semma li skont kif kien avża kienet se ssir cleanup is-Sibt li ġej organizzata mill-Kamp Emergenza Ambjent f'kollaborazzjoni mal-kunsill lokali u li jekk dawn ma jiftħux l-aċċess, issir protesta paċifika sabiex tizdied il-pressjoni. Il-Kunsillier Hewitt semma li jkun tajjeb jekk inġibu l-permess tal-Pulizija ħalli kollox isir sew. Is-Sindku semma li huwa kien diga tkellem direttament mall-Kummissarju fejn infurmah bl-intenzjoni. Il-Kummissarju kien qallu biex jerġa jinfurmah fuq l-andament li kien beħsiebu jieħu l-Kunsill Lokali.

1.11 Il-Kunsillier Cardona qal biex naraw li nipprovdu l-equipment neċessarju waqt il-cleanup biex ma jkux hemm xi inċidenti u jidher ikrah il-Kunsill.

1.12 Il-Kunsillier Cardona qal li f' din l-inizjattiva tal-Cleanup il-Kunsill Lokali mhux bilfors għandu jħossu obbligatli jinvolvi lil-Kamp Emergenza Ambjent. Is-Sindku qal li dawn kienu t' għajnuna kbira biex infetaħ l-aċċess u la il-glieda bdewha maghna ser jispiccawha maghna.

1.13 Il-KunsillieraSchembri qalet li hija kienet ħassitha fuq l-azzjonijiet li saru bħal konferenza stampa f' dan il-konfront fejn ma kinitx infurmata minn żmien biżejjed qabel biex tkun tista tagħti aktar appoġġ lill-Kunsill.

1.14 Is-Sindku semma li dakinhar meta infetaħ l-aċċess din kienet għal għarrieda u saret waqt li huwa kien f' impenji oħra, imma kif ġie infurmat bil-mobile dan mar mill-ewwel fuq il-post biex jara x' kien qed jiġri. Huwa qal li kellu jiehu decizjoni fi ftit secondi izda ma setax jitlef din l-opportunita għax kieku kien jieqaf kollox u l-isforzi tieghu kienu jisfumaw fix-xejn.

1.15 Is-Sindku semma li huwa l-Ġimgħa kien ċempel lill-PA biex jistaqsi jekk tistax tittieħed direct action fuq gate li tinsab mingħajr permess fejn dawn qalulu biex jerġa jċempel it-Tnejn u jkellem lid-Direttur tal-Enforcement imma l-ghada is sibt irceva messagg li kien qed jinfetah l-access mil-Kamp Emergenza Ambjent. Is-Sindku qal ukoll li sakemm wasal fuq il-post ma kienx jaf jekk il-kamp emergenza ambjent kienux xi dipartiment tal-PA u jew attivisti. Filfatt kif wasal hemmek is-Sindku skopra li kienu attivisti li sahqu li riedu jifthu l-access. Is-Sindku lahaq wasal u ma zammx lil dawn l-attivisti milli jifthu l-access.

1.16 Il-Kunsillier Cardona semma li peress li dakinhar kienet tkissret il-gate meta daħlu Manoel Island din setgħet tiġi interpretata li sar vandaliżmu. Is-Sindku semma li huwa kien hemhekk u seta jara kif dawk li daħlu raw il-Fortizza u kienu mistgħaġba b' dak li bdew jaraw u zgur li din kienet akkuza infondata u li il-hsarat li kien hemm kienu ilhom li saru u il-kumpanija MIDI provat tinqeda b'dawn il-hsarat biex twahhal fin-nies li zaru il-forti dakinhar meta huma stess ghal-ragunijiet ovvji hallew il-fortizza miftuha.

1.17 Is-Sindku semma li s-security li kien hemm għassa dakinhar qallhom li huwa kellu struzzjonijiet biex iħalli l-Fortizza miftuħa u dawn telgħu minn naħa tal-Foss. Is-Sindku qal li ma setax jifhem kif is-CEO tal-MIDI qal li ma kienx jaf li l-Fortizza setgħet tintlaħaq minn naħa tal-Foss.

1.18 Is-Sindku semma li dan kien egoiżmu li dawn tal-MIDI kienu qed iħallu l-aċċess magħluq għall Maltin kollha. Huwa qal li l-affarijiet li semmew il-MIDI fuq il-media mhumiex minhom.

1.19 Il-Kunsillier Hewitt qal li tinkwetah il-fatt li jista jkun hemm nies li jgħaddu minn fuq il-konċessjoni li din hija bħalissa tal-MIDI. Is-Sindku qal li mhux din kienet qed tipprejokupah imma l-fatt li l-MIDI kienu għalqu l-aċċess kollu bil-foreshore b' kollox. Huwa qal li dawn għalqu l-aċċess kollu kontra l-liġi bi ksur kontinwu tal-kuntratt ghal-sittax il-sena shah.

1.20 Is-Sindku semma li biex nagħtu l-MIDI ġurnata ċans biex jibgħatu l-proposta tagħhom u dan se nagħmluh billi nibgħatu email u ninfurmaw lil press kollu. Ahna bħala Kunsill anki ghandna naċċennaw għall fatt li il-Gzira ser titlef ic-cans li tippartecipa fl-attivitajiet tal-Valletta18 meta il-belt valletta tkun il-belt kapitali ewropea tal-kultura. Cans uniku li m'ghandux jintilef minhabba l-egoismu tal-kumpanija MIDI kompla jghid is-sindku.

1.21 Is-Sindku semma ukoll għall ammont ta' żvillup li kien hemm ippjanat għall hawnhekk billi dan kien żdied f'Tigne matul iż-żmien, imma kien għad irrid ikollu aktar informazzjoni. Is-Sindku semma wkoll li l-MIDI kienu ukoll obbligati li jibnu ground gdid tal-futbol ghal-Gżirjani izda dan ghadu ma sarx sal-gurnata ta llum. Meta filkaż tal-lokalita Tas-Sliema kienu ikkumpensaw b' Lm 50,000 fis sena sakemm tlesta il-ground.

1.22 Il-Kunsillier Hewitt qal li importanti li bħala Kunsilliera eletti mill-poplu dejjem immexxu bl-eżempju u nkomplu ghaddejin bl-azzjonjiet skond il-liġi. Is-Sindku wiegeb illi f'dawn ic-cirkostanzi kulhadd iwiegeb ghal ghemilu izda ma rridux insibu skuzi biex ma naggixxux.

1.23 Il-Kunsillier Hewitt qal li japprezza jekk il-minuti jirċevihom sa jumejn wara.

## 2.0 MOZZJONIJIET

2.1 Is-Sindku saqsa lill-Kunsilliera jekk hux kollha kienu qraw il-mozzjoni li ntbagħtet lilhom. Huma qallu li kienu rawha fuq l-email.

2.2 Is-Sindku semma li dan is-suġġett kien diskuss fid-dettal fil-bidu u għalhekk talab biex jittieħed vot.

2.3 Il-Kunsilliera kollha qablu unanimament mal-Mozzjoni li l-ġurisdizzjoni ta' Manoel Island terġa tgħaddi taħt il-Kunsill Lokali tal-Gżira.

**Il-Kunsilliera Schembri talbet biex tiġi skużata fis-18.30 pm.**

## 3.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

3.1 Fuq punt 4.43 il-Kunsillier Cardona qal li huwa kien qal li ġol Gżira hawn problema ta' parking. Huwa qal li fit-Triq fejn hemm l-Istep On kien kellmuh żewġ sidien tal-ħwienet biex jaraw x' iridu jagħmlu għall unloading bay u dan qallhom biex ikellmu lill-Kunsill. Huma kienu reġgħu kellmuh u qalulu li mhux sewwa ħadiehor jagħmel iż-żebgħa u huma le. Is-Sindku qallu biex jinfurmahom biex ikellmu lill-Kunsill u tinstab soluzzjoni.

3.2 Il-Kunsillier Cardona qal li m 'hemmx tabelli bil-ħinijiet fuqhom meta jista jsir unloading. Fejn hemm l-Istep On u tat-Topsy hemm biss linji sofor u miktub unloading. Huwa semma li kien qed isemmi dawn is-sidien mhux għax kellu xi ħaġa personali għalihom imma peress li kienu avviċinawh xi residenti fuq dawn il-każijiet.

3.3 Is-Sindku qal li kienu se jsiru tabelli ta' kwalita tajba fil-lokalita li jirrifletu matul il-lejl. Is-Sindku qal li qed nistennew rapport minn naħa tat-Transport Malta.

## 4.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

4.1 Il-Kunsillier Chetcuti saqsa jekk konniex kellimna lill-Lawrence Mallia fuq il-pagament preċedenti. Is-Sindku qal li kien ġibidlu l-attenzjoni u se nistabbilixxu bil-miktub massimu sakemm dan jista jitħallas bħala rata ta' sigħat maħduma. Huwa qal li dawk li kien ħadem xorta kellu jeħodhom peress li ġew maħduma.

4.2 Il-Kunsillier Hewitt saqsa fuq it-tender tas-Sur. Charles Spagnol. Is-Sindku qallu li se jgħid lil Fabian Borg biex jiscanjah u jibgħatulu.

4.3 Il-Kunsillier Chetcuti saqsa fuq iż-żebgħa tat-toroq. Is-Sindku qal li huwa kien se jieħu ħsiebha.

## 5.0 KORRISPONDENZA

### Accounts

5.1 Il-Kunsillier Cardona saqsa kinux qed isiru r-rapporti tal-Accounts. Is-Sindku qallu li l-accountant kien għadu kif daħħalhom għax anki kellu bżonnhom minħabba d-devolution. Huwa qallu li għad darba li ġejja nitolbu l-accountant jiġi sabiex jispjegahom.

### Kuntratt tal-Iskart Imħallat

5.2 Is-Sindku semma li kien hemm kuntratt li kellu jsir għall kollettur tal-iskart imħallat imma dan ried isir mill-ġdid. Is-Segretarju qal li l-ewwel żewġ paġni kienu mit-template li jinsab mat-tender u l-aħħar paġna kienet xi kundizzjonijiet speċifiċi.

5.3 Il-Kunsillier Cardona saqsa jekk konniex se nżidu xi bins fil-lokalita. Is-Sindku qal li kien hemm bżonn li jiżdiedu aktar.

**Il-Kunsillier Galea talab biex jiġi skużat fit-19.30 pm.**

### Vetturi Pparkjati

5.4 Il-Kunsillier Chetcuti semma li kien osserva numru ta' vetturi li kien hemm ipparkjati li kellhom il-liċenzji skaduti. Is-Sindku qallu biex iġiblu n-number plates tagħhom.

### Vettura tal-Kunsill

5.5 Il-Kunsillier Chetcuti semma li l-karozza tal-Kunsill kienet reġgħet wieqfa. Is-Sindku qal li issa irridu nibdew naraw biex tinġieb vettura oħra peress li din sikwiet kienet qed tieqaf.

## 6.0 APPROVAZZJONI TAL-ĦLASIJIET

6.1 Ma kienx hemm ħlasijiet għall approvazzjoni.

## 7.0 AĠĠORNAMENT

Minħabba li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fit-7.35 p.m. Kien hemm il-ġurnata tal-27 ta' Settembru proposta għall laqgħa li jmiss.

Konfermati llum______________________2016

___________________ ______________________

Conrad Borg Manché
Sindku

Michael Portelli
Aġent Segretarju Eżekuttiv